MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 68/1997/2

Mario u Mary Jane konjugi Buttigieg u b’digriet tat-18 ta’ Lulju 2000 Mary Jane Buttigieg tnehhiet mill-okkju tar-rikors
vs
Direttur tal-Progetti u Zvilupp fis-Segretarjat ta’ Ghawdex u b’ digriet tat-8 ta’ Ottubru 1998 gie korrett ghal Direttur tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex u ghal kwalunkwe interess li jista’ jkollu s-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex fl-Ufficju tal-Prim Ministru u b’ digriet tat-8 ta’ Ottubru 1998 gie korrett ghal Ministru ghal Ghawdex u l-istess Prim Ministru u b’digriet tat-18 ta’ Lulju 2000 il-Prim Ministru tnehha mill-okkju tar-rikors u c-Chairman Public Service Commission li gie kjamat fir-rikors b’digriet tat-18 ta’ Lulju 2000

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi hu kien beda jahdem mal-Construction & Maintenance Unit li

kienet fergha fis-Segretarjat ghal Ghawdex bhala Labourer fl-1 ta’ Jannar 1992 fi group A - Dok A.

Illi llum il-grad tieghu hu B.

Illi hu kien ircieva l-appointment tieghu mal-Construction & Maintenance Unit fit-30 ta’ Novembru 1992 - Dok B.

Illi fil-fatt pero` l-appointment kien gie moghti lilu sena wara jigifieri fl-1993.
Illi l-fatt li l-appointment kien inghatalu sena b’ lura kkawzalu differenza ta’ madwar ghoxrin lira (Lm20) fix-xahar ma’ dik il-paga li dawk li attwalment kienu hadu l-appointment fit-30 ta’ Novembru 1992 qablu - Dokumenti B1, B2 u B3.

Illi kif jidher mic-certifikat ta’ kondotta mahrug mill-Ministeru ghal Ghawdex fl-20 ta’ Jannar 1994 hu kien ghamel u fil-fatt ghadu jaghmel duties ta’ Supervisor, xoghol li hu ta’ grad ghola minn dak ta’ A u B - Dok C.

Illi ta’ dan ix-xoghol ta’ Supervisor hu kien thallas dejjem il-paga ta’ grad A u issa ta’ grad B.

Illi jirrileva li l-grad ta’ Supervisor jaqa’ taht group D;

Illi f’Novembru 1991 waqt li kien jahdem mal-Construction & Maintenance Unit jibni ma’ ohrajn hajt tal-kantun, haga li qatt ma kien ipprattika, kien gie ingustament moghti charge minn Alan Piscopo, supervisor, u kien ghadda minn Bord ta’ Dixxiplina, u gie mwahhal ghoxrin lira (Lm20) mill-paga.

Illi hu attribwixxa dan ic-charge minhabba li kellu ideat politici differenti minn tal-partit fil-Gvern dak iz-zmien.

Illi ghalhekk huwa kien sofra ingustizzja li trid tigi rimedjata.
Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghhom skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u li jinghataw rimedju bil-ligi billi jigi r-rikorrent Mario Buttigieg

moghti d-differenza fil-paga li ghandu komparata ma' dawk li gew attwalment moghtija l-appointment fid-data 30 ta' Novembru 1992 u wkoll li jigi moghti allowance tax-xoghol li qieghed jaghmel bhala supervisor li hu ta' zewg gradi oghla minn dak prezenti tieghu, u wkoll li jigu rimbursat bl-ghoxrin lira (LM20) li wehel bic-charge ingust, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata jigi ordnat li jtihallas kumpens f'ammont kif jiddeciedi dan it-Tribunal. Bl-ispejjez kontra l-istess intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti esebiti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimati li eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok l-appuntament in kwistjoni bid-data tat-30 ta' Novembru 1992, inghata b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 1992 b'dan illi l-paga tar-rikorrenti skond l-appointment imsemmi hawn fuq kien gie kkalkulat skond l-iskala ta' salarju 20 kif applikabbli ghal haddiem diehel minbarra s-servizz pubbliku u inoltre, jekk kien hemm xi tnaqqis minhabba r-retroattivita` tal-appointment, dana kien gie mhallas u sodisfatt.

2. Illi l-fatt li haddiem jaghmel xoghol oghla mill-grad tieghu ma jintitolax lill-impjegat awtomatikaent ghal xi hlas ta' allowance barra mill-paga bazika u dan skond paragrafu 2.5.1.1 tal-Estacode.

3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante illi l-impjegati li gew mill-Gozo Agricultural Products gew trattati lkoll bl-istess mod.

4. Illi t-talba tar-rikorrenti rigward ic-charge lilu moghti taqa' barra l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal billi ma tirrigwardax hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficcjali pubblici jew ta' impjegati ta' korp imwaqqaf b' ligi, dhul fl-impieg jew licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi (Art 6(1) tal-Att VIII tal-1997).

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimati.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

1. Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju, il-Kummissjoni nfurmat li l-hatriet ta' haddiema fi Group A li saru b'effett mill-1 ta' Jannar 1992 ma sarux fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni izda saru permezz tad-Dokument ta' Delega li jgib id-data tal-25 ta' Ottubru 1991 fejn il-Prim Ministru ddelega setghat biex jaghmlu nomini (li jistghu jkunu permanenti jew temporanji) ghal postijiet fil-Fergha tas-Servizz Generali jew postijiet dipartimentali tas-Servizz Pubbliku li jaqghu taht Skala 91 kif tidher fl-Estimi ghall-1991, lis-Segretarju Amministrattiv jew Kap ta' Dipartiment, kif ikun il-kaz.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra
**PROVI:**
Illi xehed <u>ir-rikorrent</u> li kkonferma l-kontenut tar-rikors. Semma li kien jahdem mal-Gozo Agricultural Products Ltd. u fl-1992 hu u xi ohrajn inqalbu ghal ma' l-Awziljari. Kienu hadu l-appointment ta' Labourer fl-1 ta' Jannar tal-1992 izda kienu rcevewh fl-1993. Dawk li kienu diga` ma' l-Awziljari, l-appointment haduh fl-1 ta' Jannar 1992. Qal li bdew jiehdu paga inqas mill-ohrajn, xi ghoxrin lira inqas.

Xehed Salvinu Cutajar li kien ir-rapprezentant tal-G.W.U. gewwa Ghawdex semma li meta saret din l-allegata ingustizzja il-kumpanija G.A.P. kienet f'diffikultajiet finanzjarji u kien sar ftehim mal-MIMCOL sabiex tlieta u tletin mill-haddiema ta' din il-kumpanija jigu trasferiti mal-A.W.T.S. Dawn bdew mal-A.W.T.S fl-1 ta' Jannar 1992 u f'Novembru ta' l-istess sena huma kienu hadu l-official appointment dating back to 1st January 1992. Fl-1993 kienu gabru l-arretrati li mill-1 ta' Jannar tal-1992 kienu jammontaw ghal madwar Lm300. Il-haddiema kienu nfurmawh li kienu rcevew avviz li bih talbuhom iroddu lura parti minn dik is-somma li kienu hadu.

Meta iddilja ma' Paul Lanzon, li kien inkarigat mis-C.M.U. f'Ghawdex, kien irrizulta li kienu jitnaqqsulhom Lm50 kull xahar mis-salarju. Meta s-salarju taghhom gie mqabbel ma' dawk li kienu dahlu mal-A.W.T.S., dawn baqghu minn taht b' medja ta' Lm20 fix-xahar. Semma li minn dawk it-33 haddiem, li l-maggor parti tahhom sabu posthom f'dipartimenti tal-Gvern, is-salarju taghhom sar bhal ta' l-ohrajn, izda mhux bhal dawk il-haddiema li baqghu mas-C.M.U. ghax dawn baqghu dejjem jiehdu salarju inqas mill-haddiema l-ohra u din il-problema qatt ma giet solvuta.

Xehed Joseph Portelli Direttur tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex u meta xehed is-C.M.U. kienet taqa' tahtu u r-records tas-C.M.U. kienu jinsabu ghandu. Ipprezenta dokument dwar il-paga tal-haddiema li gew mill-G.A.P. Ltd. imqabbla mal-paga tal-haddiema li gew mill-A.W.T.S. bejn l-1990 u l-1994. Fl-1992 hemm id-differenza ta' bejn Lm1972 ghal Lm2185, fl-1993 minn Lm2078 ghal Lm2348 u fl-1994 minn Lm2210 ghal Lm2509. Spjega li hemm id-differenza ghax il-paga ta' Grupp A qeghdha f' livell differenti minhabba d-differenza ta' increment.

Dwar id-differenza li hemm bejn il-paga ta' l-ex-G.A.P. workers u l-A.W.T.S. qal li l-paga tal-ex-G.A.P. workers hija korretta ghaliex huma haddiema dehlin minn barra s-servizz.

Qal li dawk li kienu A.W.T.S. saru wkoll Group A mill-1 ta' Jannar 1992 bhall-ex G.A.P. workers. Semma illi d-differenza fil-paga wara l-1994 baqghet hemm ghax l-increments jibqghu jinbnew fuq dak li jkun diga` hemm. Il-haddiema tal-G.A.P. u dawk tad-Dejma gew integrati fl-iskala ta' labourers. Ipprezenta dokument li juri l-pagi ta' l-ex G.A.P. workers, ta' l-A.W.T.S. kif ukoll ta' l-A.W.T.S. (ex-Dejma) mill-1 ta' Jannar 1992 sa l-1 ta' Jannar 1999. Dawk li kienu A.W.T.S. u A.W.T.S. ex-Dejma ghandhom il-grad ta' General Hands. Dawk il-General Hands li gew mill-G.A.P., jonqoshom progression u jigu in step mal-paga tal-General Hands l-ohra.

Semma li dawk il-haddiema ex-G.A.P. li ghazlu li jitilghu fl-iskala ta' General Hand u ffirmaw dikjarazzjoni llum qeghdin fil-massimu ta' skala 19 u ghaddejjin mill-process li jkollhom il-progression ghall-skala 18 biex jigu in step mal-haddiema l-ohra A.W.T.S. jew A.W.T.S. ex-Dejma. Qabel l-1992 dehrlu li r-rikorrent kienu mal-G.A.P.

Semma illi l-haddiema li gew mill-A.W.T.S. u l-haddiema li gew mill-ex G.A.P. kienu mbaghad iddahhlu bhala Group A, Labourers. Semma li l-haddiema ta' l-A.W.T.S. u l-haddiema tal-G.A.P. hadu l-appointment fl-istess sena pero` d-data ma kienx jafha. Dwar id-differenza tal-paga qal li safejn jaf hu kien bejn is-salarju ta' haddiem illi ha dak il-grad minn impieg ikkunsidrat bhala impieg mal-Gvern u haddiem illi dahal minn barra. Iz-zmien li haddiem ghamel ma l-A.W.T.S. ma kienx ikkalkulat mal-pensjoni. Qal li kellu lista tal-haddiema li gew appuntati fi Grupp A mill-A.W.T.S. u minn dawk li kienu kkunsidrati irregolari mill-paylist. Huwa pprezenta statement ukoll li juri d-differenza fil-paga bejn il-haddiem li gie mill-A.W.T.S. u minn haddiem li gie mill-ex-G.A.P. Qal ukoll li d-differenza bejn l-1992 u l-2000 dawk li ghazlu l-General Hand hija ta' Lm1110 u dawk li ghazlu li jibqghu labourers Lm1293. Qal li din id-differenza kienet dovuta li l-A.W.T.S. kienu kkunsidrati bhala employees tal-Gvern filwaqt li l-G.A.P. gew ikkunsidrati minn barra s-servizz. Semma li kienu "irregular bhala ex-G.A.P." Qal li mill-ittra tal-M.P.O. tat-30 ta' Jannar 1992 kien gie deciz li "As already announced all remaining temporary A.W.T.S.

employees … have been offered permanent employment in Group A. It has now been approved for the purpose of assimilation in the reformed salary scales, such new appointees during 1992 are not to be considered as entrants from outside the service."

Xehdet Carmen Pauline Gatt skrivana mat-Tezor li semmiet li haddiema fi grupp A fl-istruttura tal-Gvern jinsabu migbura fi Skala 20 li bil-ftehim kollettiv iffirmat fit-22 ta' Awissu 1994, gie assimilat bhala "General Hand" fi Grupp II (Skala 19) diment li saret dikjarazzjoni bil-miktub dwar twettiq ta' dmirijiet ta' "General Hand" f'xi settur/dipartiment governattiv, mizjuda mad-dmirijiet ta' Grupp I li kull individwu baqa' fl-obbligu li josserva.

Fil-prezent m'hemmx kategoriji ta' haddiema fil-G.A.P. u Dejma workers li jinsabu fuq xi payroll tat-Tezor li setghu gew integrati f'xi skala matul iz-zmien, wara xi sejha ghal applikazzjonijiet. Semmiet il-pagi tal-haddiema fil-Grupp A u General Hands jew ahjar l-iskali 20 u 19 fil-massimu ta' l-iskali, fis-snin bejn l-1992 u l-1999 kif ukoll id-differenza taghhom u qalet li mill-1993 'il quddiem id-differenza kienet dejjem l-istess.

Ipprezentat lista tal-pagi tal-haddiema kif ukoll taghrif dwar kif il-pagi waslu ghal dawk li huma llum fuq talba tad-Direttur tal-Progetti u Zvillupp fil-Ministeru ghal Ghawdex u kkonfermatha. Ipprezentat kopja ta' ittra mahruga mill-Ufficcju tal-Prim Ministru – M.P.O. 13/90 datata 24 ta' Mejju 1991 li tghid li kull min jahdem fis-Servizz Civili fl-1992 kellu l-paga tieghu ffissata fuq l-ewwel targa tal-grad rispettiv. Ipprezentat ukoll kopja ta' ittra mahruga mill-Ufficcju tal-Prim Ministru – M.P.O. 169/61 datata 30 ta' Jannar 1992, fejn jinghad li kull impjegat li kien fadal mid-Dejma jew A.W.T.S. gie offrut impieg fi Group A filwaqt li kien meqjus bhala haddiem mhux ingaggat minn barra s-Servizz Civili meta ha l-hatra.

Xehed Vincent Piccinino li esebixxa kopja ta' pagna 340 ta' l-Estimi ghas-sena 1993. Spjega li ghall-iskala numru 20 kien hemm zewg minimi. Id-differenza bejn dawn iz-zewg minimi kienet ta' zewg increments. Dawk il-persuni

li jidhlu minn barra s-Servizz Civili jinghataw il-minima l-baxxa waqt li dawk li jkunu diga` mal-Gvern u telghu fi skala 20 jiehdu l-minima l-gholja. Dak iz-zmien l-iskema tal-A.W.T.S dehrlu li kienet tithaddem mid-Director of Labour.

Xehed Joseph Galea li semma li fiz-zmien meta saret l-allegata ingustizzja kien skrivan ma' l-A.W.T.S. Meta xehed kien E.O. fil-Construction and Maintenance Unit u qal li kwazi dejjem hadem fil-Personnel Section. Ir-rikorrent fl-A.W.T.S. hadem izda meta mill-G.A.P. gew fl-A.W.T.S. ma kienx sar kuntratt f'dan il-kaz, bhal ma sar ma' haddiema awziljari ohrajn.

Dehrlu li kienu gew ma' l-A.W.T.S. ghall-habta ta' Mejju 1989 u din l-iskema giet xolta fl-1992 u r-rikorrent baqa' hemm sa l-ahhar u wara gew impjegati regolarment mal-Gvern. Qal li ma jafx ghala hemm differenza fil-paga tar-rikorrent. Kollox kien isir mill-A.W.T.S. gewwa Malta u f'Ghawdex kemm jircievu c-cheques tal-pagi u jqassmuhom lill-haddiema u jiehdu hsieb leave u sick-leave. L-anqas ma kien jaf iwiegeb ghala meta r-rikorrent gie regolari mal-Gvern baqghet id-differenza fil-paga.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku eccepiet fl-ewwel lok illi fil-konfront taghha t-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta. Rigward din l-eccezzjoni t-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza deciza fis-7 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha u ghall-istess ragunijiet hemmhekk indikati jichad din l-eccezzjoni.

Sekondarjament il-Kummissjoni eccepiet li l-hatriet ta' haddiema fi Group A li saru b'effett mill-1 ta' Jannar 1992 ma sarux fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni izda saru permezz tad-Dokument ta' Delega li jgib id-data tal-25 ta' Ottubru 1991 fejn il-Prim Ministru ddelega setghat biex

jaghmlu nomini (li jistghu jkunu permanenti jew temporanji) ghal postijiet fil-Fergha tas-Servizz Generali jew postijiet dipartimentali tas-Servizz Pubbliku li jaqghu taht Skala 19 kif tidher fl-Estimi ghall-1991, lis-Segretarju Amministrattiv jew Kap tad-Dipartiment, kif ikun il-kaz. Illi fil-fatt ir-rikorrenti qeghdin jitolbu hlas kif suppost tal-paga taghhom u mhux xi hatra u ghalhekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku m' ghandhiex x' taqsam xejn mal-ilment imsemmi fir-rikors u ghal din ir-raguni tillibera lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mill-osservanza tal-gudizzju.
Fin-nota ta' eccezzjonijiet taghhom l-intimati l-ohra eccepew li t-talba tar-rikorrenti tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal peress li ma tinkwadrax fl-Aritkolu 6(1) tal-Att VIII tal-1997. Infatti l-intimati sostnew li l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda nuqqas ta' hlas ta' increments u li ghalhekk it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni jisma' l-ilment minhabba li l-ligi mkien ma ssemmi remunerazzjoni ta' anqas li suppost.

Hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta' Dicembru, 1999, li fiha qal:

“Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

“6. (I) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-

legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

"Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Dan it-Tribunal iddecidida fuq diversi aspetti li jaqghu barra mill-kompetenza tieghu. Hekk ghamel fil-kaz ta' Joseph Barbara vs MedServ Limited deciz fl-10 ta' Mejju, 1999 li kien jirrigwarda **terminazzjoni ta' impieg** [ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999, u Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza fl-24 ta' Gunju, 1999 **dwar terminazzjoni ta' impieg mill-Armata** (Art 5 (3) (a) ta' l-Att)]. Fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 f'kaz li kien jikkoncerna **hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni** it-Tribunal hass li ma kellux kompetenza. L-istess ghamel fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna **Bonus kif ukoll allowances**, fil-kaz ta' Grezzju Sultana vs Mid-Med Bank Limited deciz fid-19 ta' Mejju, 1999 li kien jikkoncerna **telf ta' increments, fabbrikazzjoni ta' rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta' allowances, divjett tar-rikorrent milli jsuq vetturi, u li r-rikorrent ma giex moghti overtime,** fil-kaz ta' J Schembri vs Air Malta

deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna **<u>nuqqas ta' hlas ta' paga</u>**, fil-kaz ta' Alfred Bajada nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fl-20 ta' Ottubru, 1999 dwar **<u>nuqqas ta' hlas ta' grant jew ghotja</u>**, fil-kaz ta' Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited deciz fid-19 ta' Ottubru, 1999 dwar **<u>danni sofferti kawza ta' incident fuq ix-xoghol</u>**, fil-kaz ta' Wistin Grech vs Direttur tal-Portijiet deciza fl-20 ta' Mejju, 1995 **<u>dwar ordni ta' l-Awtorita' Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post iehor</u>**, fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna **<u>l-ghoti ta' medalja</u>**, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna **<u>kwistjoni dwar leave</u>**,

Differenti hu l-kaz ta' **<u>"Downgrading"</u>** li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni. Differenti hu wkoll il-kaz ta' "**<u>Constructive dismissal"</u>** ara Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited deciza in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997].

Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' **<u>redundancy pay, hlas ta' bolol, u nuqqas ta' hlas ta' increments.</u>** Dawn ma jissemmew imkien fl-artikolu 6 (1) paragrafi (a) sa (d) ta' l-Att VIII tal-1997. Infatti ma jistghux jigu kunsidrati bhala hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici, jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi; lanqas ma jistghu jigu kunsidrati bhala dul fl-impieg. Certament ma humiex licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi. Ghalhekk ma jaqghux fil-kompetenza tat-Tribunal. Dwar increments ara Sultana Grezzju vs Mid-Med Bank fuq imsemmi. Redundancy pay tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal u r-rikorrent kellu rimedji ohra miftuha ghalih mhux taht dan l-Att."
Ghall-istess motivi fuq imsemmija l-ilment tar-rikorrenti li jirrigwarda differenza fil-paga ossija increments kif mitlub fir-rikors u kif dettaljatament imsemmi fil-kors tal-kawza u anke riportat hawn fuq ma jaqax fil-kompetenza tat-

Tribunal u ghalhekk it-Tribunal jiddikjara ruhu inkompetenti ***ratione materiae*** u jastjeni milli jiehu konjizzjoni aktar tar-rikors.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------